**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Kumpilazzjoni Numru 525/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**Vs**

**Enzo Seychell**
**Sean Seychell**
**John Seychell**
**Clayton Muscat**

**Illum, 4 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra **Enzo Seychell,** detentur tal-karta tal-identità numru 33082M, **Sean Seychell,** detentur tal-karta tal-identità numru 358287M, **John Seychell,** detentur tal-karta tal-identità numru 0180161M, u **Clayton Muscat,** detentur tal-karta tal-identità numru 560586M, fejn ġew akkużati

talli fit-28 ta’ Ġunju 2018, għall-ħabta tas-14.30hrs, gewwa Trejqet it-Torri Kalamija, Ħal Għaxaq:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta’ ħaddieħor f’periklu ċar, ikkaġunaw offiża gravi fuq il-persuna ta’ Mark Anthony Zahra (detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 12691M), minħabba li l-istess offiża ġġib ksur fil-parti nasali tal-istess Mark Anthony Zahra, skont kif iċċertifikah Dr Snala Asajilc mill-Isptar Mater Dei; kif ukoll,

2. Għamlu inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’ oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kienu provokati, inġurjaw b’mod li ħarġu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. B’xi mod li jkun, xjentament għenu jew assistew lill-awtur fi ġlieda li saret fil-konfront ta’ Mark Anthony Zahra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-piena stabbilita għal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà ta’ Mark Anthony Zahra.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata 12 ta’ Lulju 2019, li permezz tagħha bagħat lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, kif maħsub taħt:

(a) Artikoli 214, 215 u 216(1)(a) (ii) (iii), (b) u (d) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(b) Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(c) Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(d) Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li din il-kawża tinstema' bil-proċedura sommarja, u li tiġi mismugħa u deċiża minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semgħet ix-xhieda ta' Mark Anthony Zammit fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2019, fejn iddikjara li qed jagħżel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri;

Semgħet lil Albert Desira u Carol Anne Spiteri jagħżlu li ma jixhdux, u dana fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019.;

Rat li l-imputati għazlu li ma jixhdux u anqas ressqu ebda provi;

Semgħet trattazzjoni;

Rat l-atti proċesswali kollha, kif ukoll dawk tal-kawża Pulizija vs Mark Anthony Zahra, stante li kien hemm qbil li dik il-kawża tinstema' kontestwalment ma' din odjerna, u li x-xhieda mismugħa f'dik il-kawża, għandha tgħodd għal din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti hija kkonfrontata bi stqarrija mill-imputati, u kif ukoll stqarrija rilaxxata minn Mark Anthony Zahra, kif ukoll mill-fatt li l-imputati u Mark Anthony Zahra għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri sabiex ma jinkriminawx lilhom innfushom. Il-Qorti hija wkoll rinfaċċata b'CCTV footage, iżda l-persuna li allegatament għaddietu lill-uffiċjali tal-Pulizija, għażlet ukoll li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti hija konsapevoli li wħud mill-imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputati, huma ta' tali natura li l-proċeduri huma meħuda mill-Pulizija ex officio. Meta iżda din il-Qorti tagħrbel dawk il-provi u dokumenti kollha eżebiti quddiemha, ma tqisx li hija konvinta li l-imputazzjonijiet fir-rigward tal-imputati, ġew ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Ma tressqitx l-aħjar prova dwar id-dinamika ta'

kif żvolġa dan l-argument, u kif allegatament ġew rekati l-offiżi fuq il-persuna indikata fl-imputazzjonijiet.

Illi, per konsegwenza, in segwitu ta' dak li ġie mismugħ, u li ġie vverbalizzat fid-diversi seduti miżmuma quddiem il-Qorti, ma jirriżultax li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati, ġew sodisfaċentement ippruvati, u għaldaqstant, l-imputati ser jiġu liberati minnhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom, u b'hekk tilliberahom minnhom.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur